## 30 ta' April, 1998

## Imħallef:-

## Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris (Eur.Law)

Il-Pulizija

*versus*

Michael Grech

## Inkonvenjent

*F'din is-sentenza l-Qorti rriteniet li sabiex jirriżulta r-reat ta' inkonvenjent tali inkonvenjent għandu jkun serju fis-sens oġġettiv u għandu jkun wieħed sostanzjali u mhux raġonevoli. Il-fatt illi xi ġar partikolari wieħed biss minn triq affollata bir-residenti jibqa' jinsisti li jeżisti inkonvenjent mhux biżżejjed biex tinstab ħtija u fil-grad rikjest mil-liġi. F'materja simili dak li għandu jiġi applikat minn ġudikant huwa l-eżami oġġettiv.*

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni maħruġa kontra l-imputat, illum appellant, Michael Grech li biha hu ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer wara l-20 ta' Marzu, 1997 b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti li jiksru l-istess *disposizzjonijiet* tal-liġi u li ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda, (1) dejjaq lil ġirien b'irwejjaħ, ħsejjes jew b'kull mod ieħor, fil-ħanut numru 6, Triq Salvu Psaila, Birkirkara; (2) talli naqas milli jobdi l-ordni leġittima mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenzi ta' l-10 ta' Marzu, 1995 u l-24 ta' Jannar, 1996, li saru definittivi b'appelli ta' l-20 ta' Diċembru, 1996, u l-21 ta' Ottubru, 1996 *rispettivament u dan sabiex ineħħi l-inkonvenjent* ikkaġunat minnu fi żmien tliet xhur taħt penali ta' Lm5 kuljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' Janar, 1998, li biha sabet lil Michael Grech ħati ta' l-imsemmijin akkużi, u dan taħt l-artikolu 38 (1) tal-Kapitolu 10 u l-artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannatu għal ċanfira u twiddiba għal kull imputazzjoni u ordnatu ukoll illi, *ai termini* ta' l-artikolu 337 (3) tal-Kodiċi Kriminali ineħħi l-inkonvenjent minnu kkaġunat fi żmien tliet xhur taħt penali ta' Lm2 kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Michael Grech tat-3 ta' Frar, 1998 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija u dan billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi;

Semgħet lix-xhieda prodotti;

Rat il-provi kollha li tressqu, id-dokumenti esebiti, u l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet *it-trattazzjoni tal-partijiet;*

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi din il-Qorti ma tistax *tifhem* x'kienet *ir-raġuni* legali li wasslet lill-Ewwel Qorti għal din id-dikjarazzjoni ta' ħtija ta' l-appellant, irrispettivament mill-piena minima li kkundannatu u skartat għal kollox ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku minnha nnominat u qagħdet biss fuq il-fatt li Peter Paul Attard baqa' jilmenta, minkejja l-ispiża kbira u makkinarju sofistikat u effiċjenti li l-appellant kien għamel u ġab appożitament minn barra biex ineħħi l-irwejjaħ;

Illi *jidher* għalhekk li l-Ewwel Qorti imxiet esklussivament fuq kriterju soġġettiv, u ċjoè l-opinjoni mhix esperta ta' persuna waħda li jista' jkollha kull interess ulterjuri biex il-ħanut in kwistjoni jingħalaq għal kollox;

Illi kif dejjem ġie ritenut mill-Qorti, sabiex jirriżulta dan ir-reat ta' inkonvenjent lil xi ġar, dan l-inkonvenjent għandu jkun serju fis-sens oġġettiv, għandu *jkun wieħed sustanzjali u* mhux raġonevoli;

Illi għalhekk, din il-Qorti taqbel perfettament illi, l-fatt illi xi ġar partikolari wieħed biss minn triq affollata bir-residenti ġirien ta' l-imsemmi ħanut, anke meta rinfaċċjat bi prova u kostatazzjoni inkonfutabbli illi kien qed isir minn kollox biex jiġi eliminat l-inkonvenjent u dan permezz ta' apparat effiċjenti ħafna, jibqa' jinsisti, b'mod irraġonevoli illi għadu jxomm irwejjaħ insopportabbli għalih, żgur *mhux* biżżejjed biex tinstab ħtija u fil-grad rikjest mil-liġi;

Illi f'materji simili dak li għandu jiġi applikat minn ġudikant huwa l-eżami oġġettiv. Fil-fatt l-espert tekniku, wara li eżamina l-makkinarju li kien installa l-appellant fil-ħanut tiegħu biex jikkonbatti l-irwejjaħ u biex ma jkunx ta' inkonvenjent, ikkonkluda illi "l-apparat li hemm istallat hu wieħed mill-iktar apparati effiċjenti, għal dan it-tip ta' rimedju għall-kwistjoni ta' rewjjaħ, speċjalment dawk tat-tisjir u aktar ta' *fries* għall-qali taż-żejt";

Illi għalhekk għal dawn il-motivi din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti ma setgħetx twarrab għal kollox dawn il-konklużjonijiet ta' l-espert tekniku minnha mqabbad, u ssib ħtija fuq l-appellant a bażi ta' mera opinjoni soġġettiva ta' ġar wieħed biss;

Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' l-istess appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Jannar, 1998 kontra Michael Grech fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u għalhekk qiegħda tillibera lil istess Michael Grech minn kull ħtija u piena.